## QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 24**

**Rikors Ġuramentat Numru 937/2021 NC**

**Malta Towage Limited (C 44662)**

**vs.**

**Il-Bastiment M.V. Amazing Grace 2**

Illum 14 ta' Diċembru 2021

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fit-23 ta' Settembru 2021 li jgħid hekk:

*"Illi bejn Ġunju tas-sena 2020 u Awwissu tas-sena 2021 is-soċjeta' rikorrenti rendiet diversi servizzi marittimi lill-bastiment konvenut MV Amazing Grace 2, fir-rigward ta' liema s-soċjeta' rikorrenti aġixxiet bħala aġent, hekk kif jidher b'aktar dettal mill-anness rendikont immarkat bħala Dokument A u mill-annessi fatturi relattivi immarkati bħala Dokumenti B-EE;*

*Illi jirriżulta li l-bastiment konvenut ma ħallasx xi fatturi li ħarġet is-soċjeta' rikorrenti, li jidhru mir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala Dokument A, ossia s-segwenti fatturi:*

*i. Fattura numru 010821 datata 1 t'Awwissu 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbatax-il euro (€2,214), dovuta fl-inteir tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B;*

*ii. Fattura numru 0821 datata 31 t'Awwissu 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u għoxrin euro (€ 2,220), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument C;*

*iii. Fattura numru 721 datata 31 ta' July 2021 għas-somma ta' tlett elef u ħames mitt euro (€3,500), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument D;*

*iv. Fattura numru 310721 datata 31 ta' July 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbatax-il euro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument E;*

*v. Fattura numru 621 datata 30 ta' Gunju 2021 għas-somma ta' sebat elef tlett mija ħamsa u disgħin euro (€7,395), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument F;*

*vi. Fattura numru 300621 datata 30 ta' Gunju 2021 għas-somma ta' elfejn mija tlieta u erbgħin elf euro (€2,143), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument G;*

*vii. Fattura numru 0521 datata 31 ta' Mejju 2021 għas-somma ta' elf disa' mija ħamsa u erbgħin euro (€1,945), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument H;*

*viii. Fattura numru 300521 datata 30 ta' Mejju 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbgħatax-il euro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument I;*

*ix. Fattura numru 0421 datata 30 t'April 2021 għas-somma ta' elf ħames mija u disgħin euro (€1,590), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument J;*

*x. Fattura numru 300421 datata 30 t'April 2021 għas-somma ta' elfejn mija tlieta u erbgħin euro (€2,143), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument K;*

*xi. Fattura numru 0321 datata 31 ta' Marzu 2021 għas-somma ta' elfejn mija u ħmistax-il euro (€ 2,115), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument L;*

*xii. Fattura numru 300321 datata 30 ta' Marzu 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbgħatax-il euro (€2,214) dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument M;*

*xiii. Fattura numru 221 datata 28 ta' Frar 2021 għas-somma ta' elf disa' mija ħamsa u sittin euro (€1,965), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument N;*

*xiv. Fattura numru 280221 datata 28 ta' Frar 2021 għas-somma ta' elfejn euro (€2,000), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument O;*

*xv. Fattura numru 0121 datata 31 ta' Jannar 2021 għas-somma ta' elfejn ħames mija ħamsa u sittin euro (€2,565), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument P;*

*xvi. Fattura numru 310121 datata 31 ta' Jannar 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbgħatax-il euro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument Q;*

*xvii. Fattura numru 3012 datata 31 ta' Diċembru 2020, għas-somma ta' elf u ħamsa u tlettin euro (€1,035), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument R;*

*xviii. Fattura numru 3112 datata 31 ta' Diċembru 2020 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbgħatax-il euro (€ 2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument S;*

*xix. Fattura numru 2911 datata 30 ta' Novembru 2020, għas-somma ta' seba' mija u ħamsin euro (€750), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument T;*

*xx. Fattura numru 3011 datata 1 ta' Novembru 2020 għas-somma ta' elfejn mija tlieta u erbgħin euro (€2,143), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument U;*

*xxi. Fattura numru 3110 datata 31 t' Ottubru 2020, għas-somma ta' seba' mija ħamsa u sebgħin euro (€775), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument V;*

*xxii. Fattura numru 3010 datata 30 ta' Ottubru 2020 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbgħatax-il euro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument W;*

*xxiii. Fattura numru 2909 datata 30 ta' Settembru 2020, għas-somma ta' seba' mija u ħamsin euro (€750), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument X;*

*xxiv. Fattura numru 3009 datata 1 ta' Settembru 2020 għas-somma ta' elfejn mija tlieta u erbgħin euro (€2,143), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument Y;*

*xxv. Fattura numru 3108 datata 31 t'Awwissu 2020, għas-somma ta' elfejn disa' mija u għoxrin euro (€2,920), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument Z;*

*xxvi. Fattura numru 3008 datata 30 t' Awwissu 2020 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbgħatax-il euro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument AA;*

*xxvii. Fattura numru 3107 datata 31 ta' Lulju 2020, għas-somma ta' elf tmien mija ħamsa u sittin euro (€1,865), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument BB;*

*xxviii. Fattura numru 3007 datata 30 ta' Lulju 2020 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbgħatax-il euro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument CC;*

*xxix. Fattura numru 2906 datata 30 ta' Gunju 2020, għas-somma ta' elf ħames mija u ħmistax euro (€1,515), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument DD;*

*xxx. Fattura numru 1406, datata 14 ta' Gunju 2020, għas-somma ta' sebgħa u tlettin elf tmien mija ħamsa u ħamsin euro (€37,855), minn liema fattura s-somma ta' erbat elf erba' mija tnejn u sebgħin euro (€4,472) hija dovuta, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument EE.*

*Illi għalhekk s-somma globali dovuta mill-bastiment konvenut lis-soċjeta' rikorrenti tammonta għas-somma ta' sebgħa u sittin elf tmien mija tmienja u sebgħin Euro (€67,878);*

*Illi l-imsemmi ammont ta' sebgħa u sittin elf tmien mija tmienja u sebgħin Euro (€67,878) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt u għalhekk fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tiġi deċiza bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjeta' rikorrenti, il-bastiment konvenut m'għandhux eċċeżżjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont;*

*Illi għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma tħallasx mill-bastiment konvenut u għalhekk kellha issir din il-kawża;*

*Illi fl-umli fehma tas-soċjeta' rikorrenti, il-bastiment konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti;*

*Illi r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Joseph Anthony O'Connor, jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Jgħid għalhekk il-bastiment konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara l-bastiment konvenut debitur tas-soċjeta' rikorrenti għas-somma ta' sebgħa u sittin elf tmien mija tmienja u sebgħin Euro (€67,878) rappreżentanti servizzi marittimi reżi mis-soċjeta' rikorrenti;*

*3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sebgħa u sittin elf tmien mija tmienja u sebgħin Euro (€67,878) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjez u l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' kull fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-bastiment konvenut li jibqgħa nġunt minn issa għas-subizzjoni".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tal-25 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 51) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021 u li l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021 fejn ġie verbalizzat is-segwenti:

*"Il-Qorti tinnota li l-Bastiment konvenut gie notifikat fis-17 ta' Novembru, 2021 skont riferta li tinsab a folio 54 tergo. Il-Qorti tqis li skont l-Artikolu 169 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Bastiment konvenut għandu jingħata żmien minimu ta' ħmistax-il jum qabel jiġi mħarrek fil-kawża sabiex iħejji d-difiża tiegħu. Peress li f'dan il-każ dawn il-ħmistax-il jum għadhom m'għaddewx, il-Qorti bit-tħaddim tal-Proviso tal-Artikolu 169 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddiferixxi l-kawża għal jum ieħor biex b'hekk il-Bastiment konvenut ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu. It-twissijiet u d-direttivi mogħtija mill-Qorti fid-Digriet Tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2021 għandhom jibqgħu jgħoddu sas-seduta li jmiss".*

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum fejn ġie dikjarat illi l-Qorti kienet ħadet konjizzjoni tal-fatt illi l-bastiment konvenut kien ġie debitament notifikat b'dawn il-proċeduri u li ħadd ma deher għalih, la għas-seduta tal-lum u anqas għal dik tal-1 ta' Diċembru 2021. B'hekk il-bastiment konvenut għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi jirriżulta li Joseph Anthony O'Connor, in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, stqarr li bejn Ġunju 2020 u Awwissu 2021 is-soċjeta' attriċi rrendiet diversi servizzi marittimi lill-bastiment konvenut M.V. Amazing Grace 2 u li l-ammont globali dovut mill-bastiment konvenut lis-soċjeta' attriċi jammonta għas-somma ta' sebgħa u sittin elf, tmien mija u tmienja u sebgħin Euro (€67,878) u li minkejja li kienu saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, l-ammont baqa' ma tħallasx mill-bastiment konvenut u għalhekk kellha issir il-kawża odjerna. Ir-rappreżentat tas-soċjeta' attriċi ddikjara li, sa fejn jaf hu, il-bastiment konvenut ma kellux eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat l-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi, dwar l-imgħax mitlub mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota li kull fattura hija l-prova tas-servizz marittimu individwali. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[1] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[1] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attrici billi tiddikjara li l-bastiment konvenut Il-Bastiment M.V. Amazing Grace 2 huwa debitur tas-soċjeta' attriċi għas-somma ta' sebgħa u sittin elf, tmien mija, tmienja u sebgħin Euro (€67,878) rappreżentanti servizzi marittimi reżi mis-soċjeta' attriċi;

(3) Tilqa' it-tielet talba tas-soċjeta' attrici billi tikkundanna lill-bastiment konvenut Il-Bastiment M.V. Amazing Grace 2 iħallas s-somma ta' sebgħa u sittin elf, tmien mija, tmienja u sebgħin Euro (€67,878) lis-soċjeta' attriċi bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-dati rispettivi tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv;

Finalment, tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi jitħallsu kollha kemm huma mill-bastiment konvenut Il-Bastiment M.V. Amazing Grace 2.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**